# L-ATEJU, L-AVUKAT, U L-IMĦALLEF

**Qatt smajt b'dan il-każ?**
**L-Imħallef ta tweġiba**
**tassew tajba!**
**Ara tgħoddx għalik!**

Fi Florida, persuna ma temminx f'Alla, atea, ħassitha urtata għall-fatt li diversi nies jippreparaw għall-vaganzi tal-Għid. B'hekk iddeċidiet li tqabbad l-avukat tagħha u tiftaħ kawża bbażata fuq id-diskriminazzjoni li qed ikollhom persuni bħalha minħabba ċ-ċelebrazzjonijiet li l-Insara u l-Lhud, fost l-oħrajn, ikollhom, filwaqt li ma teżisti l-ebda festa għall-ateji.

Il-każ instema' quddiem imħallef li tassew kellu reputazzjoni impekkabbli. Dan, wara li sema' l-akkuża li tassew kienet imfassla bi kliem mirqum mill-avukat, ħa l-martell f'idejh, sabbat tnejn, u ddikkjara: "Il-Każ hu magħluq: m'hawnx bażi ta' diskriminazzjoni."

Minnufih l-avukat qam
u ressaq l-oġġezzjoni tiegħu:
"Imma kif tista' twaqqa' l-każ?
L-insara għandhom il-Milied,
l-Għid u ħafna festi oħra.
Il-Lhud għandhom l-Għid,
Yom Kippur, u l-Hanukkah ... !
Imma l-klient tiegħi u oħrajn bħalu
m'għandhom l-ebda jum iddedikat
għalihom."

L-imħallef dar u b'vuċi kalma
imma deċiża lissen:
"Ovvjament, il-klient tiegħek jidher
mifxul wisq biex qatt ma rrealizza,
aħseb u ara jiċċelebra l-jum iddedikat
apposta għalhekk! "

L-avukat irribatta mifxul:
"Imma aħna ma nafux
meta huwa dan il-jum.
Mela meta jiġi ċċelebrat?"

L-imħallef qal:
"Tajjeb! Dan ikun iċċelebrat kull sena eżattament fl-istess data: l-*1 ta' APRIL*! Ladarba il-kalendarju tagħna jpoġġilna dan il-jum bħala *'April Fools Day,'* nixtieqek tirrifletti fuq dan li ser ngħidlek: l-ewwel vers mis-Salm 14, kif ukoll Salm 53:-
*"L-iblah jgħid f'qalbu, m'hemmx Alla."*
B'hekk, minn kif nara s-sitwazzjoni jien, jekk il-klient tiegħek jgħid li m'hemmx Alla, allura skont l-Iskrittura hu huwa iblah, u minn dan joħroġ li s-soċjetà għandha jum li tiċċelebra l-bluha:
l-1 ta' April!"

***Is-sabiħa hi li din is-sena***
***aħna qed niċċelebraw***
***il-ġenn u l-bluha ta' mħabba***
***li Alla għandu għalina***
***propju f'dan il-jum***
***bil-qawmien mill-imwiet***
***ta' Ibnu!***







# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

Tel: 21 649 223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## KRISTU RXOXT:
## - Il-Pont bejn il-Mewt u l-Ħajja -

Jolqotni tassew dak li jikteb San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin:
*"Jekk għandna tama fi Kristu*
*għal din il-ħajja biss,*
*aħna l-aktar nies imsejkna*
*fost kemm huma l-bnedmin."*
(1 Kor. 15, 19)

***Nittamaw fil-ħajja***
***li ma tintemmx***
Xi drabi, meta nkunu mġarrbin minn mumenti ta' niket, b'mod speċjali meta nġarrbu xi mewt, spiss inġibu ruħna bħala l-aktar nies imsieken għax inkunu tlifna t-tama: donnu bla tama fil-ħajja li ma tintemmx, bla tama fil-ħajja ta' dejjem li għaliha aħna l-Insara mistednin. Għax ladarba Kristu qam tassew mill-imwiet, aħna wkoll imsejħin għal dan.

***Ġesù Kristu***
***huwa dak li mar u ġie***
Ġieli nisimgħu l-espressjoni: *'Għax ħadd ma mar u ġie.'* U spiss naqblu ma' dan. Imma le, Ġesù Kristu huwa dak li mar u ġie; dak li fl-ewwel jum tal-ġimgħa, kmieni mas-sebħ, deher lil Marija ta' Magdala hi u tibki ħdejn il-qabar tiegħu (Ġw. 20, 11-18). U jekk Kristu mar u ġie biex jagħmel kuraġġ lil dawk li magħhom għex u li f'ħajjithom ħabbewh, allura hu qed jagħti l-istess messaġġ lilna wkoll.

***Ġesù Kristu Rxoxt għandu jkun***
***preżenza kontinwa f'ħajjitna***
Imma Kristu Rxoxt mhux biss realtà li għad inġarrbu wara mewtna imma wkoll preżenza kontinwa fil-ħajja tagħna. Aħna msejħin biex inkunu Nsara li jxerrdu madwarhom il-ferħ tal-ħajja mhux il-qrusa tan-negattività. Għal Brother Roger, il-fundatur tal-komunità ekumenika ta' Taizé, Kristu Rxoxt kellu post speċjali għax Hu bena pont bejn il-mewt u l-ħajja, bejn id-disperazzjoni u t-tama, pont li jwassal lil hinn mill-vjolenza, lil hinn mill-mewt. Ejjew f'dan iż-żmien tal-Għid nagħmlu tagħna t-talba tiegħu, *Pax Christi* - il-Paċi ta' Kristu:

***O Kristu Rxoxt,***
***Inti tonfoħ fuqna***
***l-Ispirtu Qaddis tiegħek***
***U tgħidilna: 'Il-paċi magħkom.'***
***Li ninfetħu għall-paċi tiegħek***
***- li nħalluha tinfed l-art iebsa***
***u mimlija ġebel ta' qalbna -***
***ifisser li nheġġu ruħna***
***biex inġibu r-rikonċiljazzjoni***
***kulfejn tibgħatna.***
***Imma inti taf li xi drabi***
***ma nafux x'naqbdu nagħmlu.***
***Għalhekk ejja mexxina***
***biex nistennew fis-skiet,***
***biex inħallu raġġ ta' tama***
***jiddi fid-dinja tagħna.***

# TBERIK Ħal Safi 2018



**L-GĦID IT-TAJJEB U L-PAĊI MAGĦKOM!**

Għeżież,
Hu ta' ferħ kbira għalija li bħala Kappillan, flimkien mas-saċerdoti l-oħra li qed jgħinnu b'xi quddies fil-parroċċa, inkunu fostkom, u hija x-xewqa kbira tagħna li niġu narawkom biex fi Kristu naqsmu l-ferħ tal-Qawmien u tal-Preżenza ħajja tiegħu fi djarkom stess. Għaldaqstant it-Tberik ser isir hekk kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd 01-April | 09:00am | Każin San Pawl, Każin PN. |
| | 10:45am | Każin PL, Kunsill Lokali, Kunvent tas-Sorijiet |
| | | |
| It-Tnejn 09-April | PM | Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq (in-naħa tas-Sorijiet), Triq Dun Karm Lia |
| It-Tlieta 10-April | AM | Triq iż-Żurrieq (in-naħa ta' Dun Karm) |
| | PM | Triq in-Nassaba |
| L-Erbgħa 11-April | PM | Triq il-Kuċċard, Triq it-Tellerit, Triq is-Summien |
| Il-Ħamis 12-April | AM | Triq l-Iskola |
| Il-Ġimgħa 13-April | PM | Sqaq San Mikiel, Misraħ u Triq San Ġużepp, Triq il-Puniċi, Triq San Pawl, (minn Triq San Ġużepp saċ-Ċimiterju) |
| | | |
| It-Tnejn 16-April | PM | Triq il-Feniċi, Triq Salvu Cauchi |
| It-Tlieta 17-April | AM | Triq San Pawl (minn Misraħ il-Knisja sa' Triq San Ġużepp), Triq San Franġisk, Triq Santa Marija |
| | PM | Triq in-Nassaba (il-Ġdida) |
| L-Erbgħa 18-April | PM | Triq il-Kenn |
| Il-Ġimgħa 20-April | PM | Triq il-Menqa, Misraħ San Mattew |
| | | |
| It-Tnejn 23-April | PM | Triq il-Ħajt Ruman |
| It-Tlieta 24-April | AM | Triq Dun Ġużepp Caruana |
| | PM | Triq id-Dolmen, Triq Ġwann Zammit, Triq in-Newba |
| L-Erbgħa 25-April | PM | Triq Ta' Ġawhar |
| Il-Ħamis 26-April | AM | Triq il-Kaċċaturi |
| Il-Ġimgħa 27-April | PM | Triq Mikelanġ Busuttil, Triq il-Biedja |
| | | |
| It-Tnejn 30-April | AM | Triq Dun Karm Vella |
| L-Erbgħa 2-Mejju | PM | Triq San Tumas, Trejqet it-Twemmin, Triq Qerd in-Naħal |
| Il-Ħamis 3-Mejju | AM | Triq Piju Zammit, Triq Ananija, Triq Stiefnu Erardi, Triq il-Palma |
| | PM | Triq il-Ħlantun |
| | | |
| It-Tnejn 7-Mejju | PM | Triq San Ġorġ |
| It-Tlieta 8-Mejju | PM | Triq Tarsu, Triq Ta' Rqajja' |
| L-Erbgħa 9-Mejju | PM | Triq Bieb il-Ġarra, Triq l-Ibraġ |
| Il-Ġimgħa 11-Mejju | PM | Triq Tal-Ajżar, Triq San Ġwann |

***TA' MIN TIEĦU NOTA:***

- It-Tberik din is-sena ser isir b'dan il-mod:
  AM: Kull nhar ta' Tlieta u Ħamis,
  meta indikat u jibda fid-9:00am
  PM: Kull nhar ta' Tnejn, Tlieta, Erbgħa u Ġimgħa,
  meta indikat u jibda fl-4:15pm.
  *N.B. Normalment il-Ħamis ma jsirx tberik filgħaxija biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
- Mhux il-każ li tlestu ikel jew xorb.
- Aktar milli d-dar u l-għamara, ta' min jara li l-membri kollha tal-familja jkunu preżenti u fi spirtu ta' ġabra adatt għall-mument ta' talb.
- Biex ħadd ma jistenna bla bżonn, iż-żjara u t-tberik l-aħjar li jdumu bejn 10 minuti u kwarta l-aktar.
- Jekk xi ħadd ikun jixtieq ikellem lill-kappillan/saċerdot aktar fit-tul, jitlob appuntament ieħor, barra mill-ħin tat-tberik.
- Jekk xi ħadd ma jkunx jista' meta indikat tajjeb li javża lill-kappillan biex jinstab jum u ħin alternattiv.
- Jekk ser tagħtu xi donazzjoni, kunu afu li biha ser tkunu qed tgħinnu fix-xiri u l-installazzjoni ta' sistema ġdida tas-*sound* tal-knisja u fil-manutensjoni minn ġewwa tad-dar parrokkjali, fir-restawr ta' diversi affarijiet fosthom il-gandlieri ta' kuljum u d-drapp li bih jiżżejjen l-Altar Maġġur fil-festi prinċipali, u fil-manutenzjoni ġenerali tal-knisja.

*Grazzi mill-qalb!*



# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - April 2018

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 1 ta' April | **L-Għid il-Kbir**<br>Fis-6:45am - Quddiesa.<br>Fit-8:15am - Quddiesa u Tberik tal-Figolli.<br>Fl-10:00am - Quddiesa.<br>Fis-6:00pm - Quddiesa bit-Talba tal-Għasar. |
| Il-Ġimgħa 6 ta' April | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 8 ta' April | **It-Tieni Ħadd tal-Għid - Festa tal-Ħniena Divina**<br>Fil-5:00pm - Adorazzjoni<br>Fis-6:00pm - Quddiesa tal-Ħniena Divina. |
| Il-Ġimgħa 13 ta' April | **Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (420 sena)<br>nhar it-13/04/1598** |
| Il-Ħadd 15 ta' April | **It-Tielet Ħadd tal-Għid - Jum il-Karità<br>JUM ĦAL SAFI**<br>Fl-10:00am - Quddiesa ta' ringrazzjament mal-Kunsill Lokali.<br>Fil-11:00am - Il-Banda San Pawl tagħmel marċ. |
| Il-Ħadd 22 ta' April | **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet**<br>Fl-10:00am - Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| Il-Ħamis 26 ta' April | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 29 ta' April | **Il-Ħames Ħadd tal-Għid** |



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Alejandro Barry Abdilla
Giuliana Abdilla

---- o ----



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Clayton Caruana u Ritianne Bugeja

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Pauline Grech

***Nitolbu għalihom!***

